ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-411 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 6 ta' Marzu, 2013**

Il-laqgħa bdiet fis-6.15 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

**Item 1 – Attendenza u Apoloġiji**

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sinjuri Joseph Bonnici, Joseph Buttigieg u Anna Calleja.

Is-Sinjuri Kevin Plumpton, Mark Grech, Robert Buhagiar u Keith Pisani kienu skużati.

**Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-minuti tal- 410 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

**Item 3 – Approvazzjoni ta' Finanzi**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-iskeda tal-ħlasijiet għall-perjodu 21 ta' Frar, 2013 sas-6 ta' Marzu, 2013 li kien jammonta għal €54,126.60. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar 2013 li kien jammonta għal €114.84. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.40 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv